Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fit-22 ta’ Ġunju 2022[1]

**Kawża C-238/21**

**Porr Bau GmbH**
**vs**
**Bezirkshauptmannschaft Graz-Umgebung**

(talba għal deċiżjoni preliminari mil-Landesverwaltungsgericht Steiermark (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta’ Steiermark, l-Awstrija)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari - Ambjent - Direttiva 2008/98/KE - Artikolu 3(1) - Skart - Artikolu 5(1) - Prodott sekondarju - Artikolu 6(1) u (4) - Tmiem tal-istatus ta’ skart - Mhux ikkontaminata - Ħamrija skavata tal-aqwa kwalità - Preparazzjoni għal użu mill-ġdid u l-irkupru - Użu dirett bħala sostitut għall-materja prima - Rekwiżiti formali - Żamma ta’ reġistri u obbligi ta’ dokumentazzjoni”

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-kunċett ta’ “skart” fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98[2] u l-kundizzjonijiet li taħthom il-materjali skavati – senjatament ħamrija mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità – jiksbu t-tmiem tal-istatus ta’ skart skont l-Artikolu 6 ta’ din id-direttiva. Il-kawża ssegwi minn sentenzi f’kawżi bħal Tallinna Vesi[3] u Sappi Austria Produktion u Wasserverband “Region Gratkorn-Gratwein”[4], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat dawn l-istess dispożizzjonijiet rispettivament fir-rigward tal-ħama tad-drenaġġ u l-ilmijiet mormija.

2. It-talba tressqet fil-kuntest tal-kawża bejn Porr Bau GmbH u l-Bezirkshauptmannschaft Graz-Umgebung (l-awtoritajiet amministrattivi tad-Distrett ta’ Graz u tal-madwar, iktar ’il quddiem l-“awtorità konvenuta”). Din il-kawża tikkonċerna deċiżjoni amministrattiva li kkonstatat li l-ħamrija skavata ordnata minn ċerti bdiewa minn impriża ta’ kostruzzjoni fl-Awstrija, għall-finijiet ta’ livellar u restawrar taż-żoni ta’ kultivazzjoni tagħhom, kellha titqies bħala skart, u għalhekk suġġetta għall-ħlas ta’ kontribuzzjoni, minkejja li kienet ġiet ikklassifikata bħala materjal mhux ikkontaminat tal-ogħla kwalità taħt il-liġi Awstrijaka.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU 2008, L 312, p. 3).

[3] Sentenza tat-28 ta’ Marzu 2019, Tallinna Vesi (C-60/18, EU:C:2019:264), iktar ’il quddiem is-“sentenza fil-kawża Tallinna Vesi”).

[4] Sentenza tal-14 ta’ Ottubru 2020, Sappi Austria Produktion u Wasserverband “Region Gratkorn-Gratwein” (C-629/19, EU:C:2020:824, iktar ’il quddiem is-“sentenza fil-kawża Sappi”).

3. Il-qorti tar-rinviju tixtieq prinċipalment tivverifika jekk l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/98, interpretat fid-dawl tal-għanijiet ta' din id-direttiva, jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti t-tmiem tal-istatus ta' skart lil ħamrija skavata mhux ikkontmint tal-aqwa kwalità biss (i) meta tintuża direttament bħala sostitut għall-materja prima u (ii) meta d-detentur jissodisfa ċerti rekwiżiti formali bħaż-żamma ta' reġistri u l-obbligi tad-dokumentazzjoni. Bħala kwistjoni preliminari, din il-qorti tistaqsi wkoll jekk ħamrija skavata tal-aqwa kwalità mhux ikkontaminata, fornita minn impriża tal-kostruzzjoni għall-finijiet tat-titjib tar-rendiment mill-art tal-kultivazzjoni, tikkostitwix "skart" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98 jew, alternattivament, "prodott sekondarju" fis-sens tal-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

4. Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/98, fil-verżjoni applikabbli għall-kawża prinċipali[5], din id-direttiva tistabbilixxi "miżuri għall-protezzjoni ta' l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem permezz tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis ta' l-impatti negattivi tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġar ta' l-iskart, u permezz tat-tnaqqis ta' l-impatti ġenerali ta' l-użu ta' riżorsi u t-titjib ta' l-effiċjenza ta' tali użu".

5. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi li, għall-finijiet ta' din id-direttiva, id-definizzjonijiet li ġejjin fil-paragrafi 1, 15 u 16 tat-termini "skart", "irkupru" u "preparazzjoni għall-użu mill-ġdid" għandhom japplikaw:

"1. 'skart' tfisser kwalunkwe sustanza jew oġġett li d-detentur jarmi jew bi ħsiebu jew huwa meħtieġ li jarmi;

[…]

15. 'irkupru' tfisser kwalunkwe operazzjoni li r-riżultat prinċipali tagħha jkun skart li jservi skop utli permezz tas-sostituzzjoni ta' materjali oħra li inkella kienu jintużaw biex jissodisfaw funzjoni partikolari, jew skart li qed jiġi ppreparat b'mod li jissodisfa dik il-funzjoni, fl-impjant jew fl-ekonomija usa'. L-Anness II fih lista mhux eżawrjenti ta' operazzjonijiet ta' rkupru;

16. 'preparazzjoni għal użu mill-ġdid' tfisser il-verifika, it-tindif jew it-tiswija ta' operazzjonijiet ta' rkupru li biha prodotti jew komponenti ta' prodotti li saru skart jiġu ppreparati sabiex jintużaw mill-ġdid mingħajr ebda proċessar bil-quddiem ieħor;

[…]"

[5] Id-Direttiva 2008/98 ġiet emendata l-aħħar bid-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (ĠU 2018, L 150, p. 109). It-terminu ta' traspożizzjoni tagħha ntemm fil-5 ta' Lulju 2020. Fid-deċiżjoni tar-rinviju, madankollu, il-qorti tar-rinviju tindika li l-verżjoni applikabbli tad-Direttiva 2008/98 fil-kawża prinċipali hija dik li tipproċedi l-emendi mdaħħla bid-Direttiva 2018/851 minn. Peress li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju għandha ġurisdizzjoni unika sabiex tiddetermina l-qafas legali applikabbli għal dawn il-proċeduri, jiena minix ser niddubita l-evalwazzjoni tagħha dwar il-verżjoni tad-Direttiva 2008/98 li għandha tiġi applikata f'din il-kawża.

6. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98, intitolat "Ġerarkija ta' l-iskart", jistipula li:

"1. Il-ġerarkija ta' l-iskart, kif inhi hawn taħt, għandha tapplika bħala prinċipju ta' gwida fil-prevenzjoni ta' l-iskart u fil-leġiżlazzjoni u l-politika ta' l-immaniġġar:

(a) prevenzjoni;

(b) preparazzjoni għal użu mill-ġdid;

(c) riċiklaġġ;

(d) irkupru ieħor, eż. irkupru ta' enerġija; u

(e) rimi.

[...]"

7. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98, taħt it-titolu ta' "Prodotti sekondarji", jipprovdi li:

"1. Sustanza jew oġġett, li jirriżultaw minn proċess ta' produzzjoni, li l-għan primarju tagħhom mhuwiex il-produzzjoni ta' dak l-artikolu, jista' jitqies li mhuwiex skart kif imsemmi fl-[Artikolu 3(1)] iżda bħala prodott sekondarju biss jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-użu ulterjuri tas-sustanza jew l-oġġett ikun ċert;

(b) is-sustanza jew l-oġġett jistgħu jiġu wżati direttament mingħajr kwalunkwe proċessar ulterjuri ħlief prattika industrijali normali;

(c) is-sustanza jew l-oġġett huma prodotti bħala parti integrali ta' proċess ta' produzzjoni; u

(d) l-użu ulterjuri jkun skond il-liġi, i.e. is-sustanza jew l-oġġett jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti kollha tal-prodott, dawk ambjentali u ta' protezzjoni tas-saħħa għall-użu speċifiku, u mhuwiex ser jirriżulta f'impatti ġenerali li jikkawżaw ħsara lill-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem.

[...]"

8. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/98, intitolat "Tmiem ta' l-istatus ta' skart" jipprevedi li:

"1. Ċertu skart speċifikat m'għandux jibqa' kunsidrat skart fis-sens tal-[Artikolu 3(1)] meta dan ikun għadda minn operazzjoni ta' rkupru, inkluż ir-riċiklaġġ, u jkun jikkonforma ma' kriterji speċifiċi li għandhom jiġu żviluppati skond il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sustanza jew l-oġġett ikun użat komunement għal skopijiet speċifiċi;

(b) ikun jeżisti suq jew tkun teżisti domanda għal tali sustanza jew oġġett;

(c) is-sustanza jew l-oġġett jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi għall-iskopijiet speċifiċi msemmija fil-punt (a) u jissodisfa l-leġiżlazzjoni u l-istandards eżistenti applikabbli għall-prodotti; u

(d) l-użu tas-sustanza jew l-oġġett ma jwasslux għal impatti ġenerali li jagħmel ħsara lill-ambjenta jew lis-saħħa tal-bniedem.

Fejn ikun meħtieġ, il-kriterji għandhom jinkludu valuri ta' limiti għal sustanzi li jniġġsu u għandhom jieħdu kont ta' l-effetti avversi kollha possibbli li s-sustanza jew l-oġġett jista' jkollhom fuq l-ambjent.

[...]

4. Fejn il-kriterji ma ġewx stabbiliti fil-livell Komunitarju taħt il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu każ b'każ jekk ċertu skart ma baqax ikun skart b'kont meħud tal-każistika applikabbli [...]".

9. L-obbligu u l-għan essenzjali stabbiliti mid-Direttiva 2008/98 huma stabbiliti fl-Artikolu 13:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-immaniġġar ta' l-iskart jitwettaq mingħajr ma tiġi pperikolata s-saħħa tal-bniedem, u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent [...]".

10. L-Artikolu 28 tad-Direttiva 2008/98, intitolat "Pjanijiet għall-immaniġġar ta' l-iskart", jgħid li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistabbilixxu, skont *inter alia* l-Artikoli 1, 4 u 13, pjan wieħed jew iżjed għall-immaniġġar tal-iskart.

## B. Id-dritt Awstrijak

### *1. Il-Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart*

11. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Abfallwirtschaftsgesetz tal-2002 (il-Liġi Federali Awstrijaka tal-2002 dwar l-Immaniġġar ta' Skart, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart"), li tittrasponi d-Direttiva 2008/98, huma fformulati kif ġej:

"Definizzjonijiet

Paragrafu 2(1) Għall-finijiet tal-[Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart], skart ifisser kull proprjetà mobbli,

1. li d-detentur ikollu l-ħsieb li jarmi jew li jkun rema, jew

2. li l-ġbir, il-ħażna, it-trasport u t-trattament tagħha bħala skart huma meħtieġa sabiex ma ssirx ħsara lill-interessi pubbliċi (Paragrafu 1(3)).

[...]

(5) Għall-finijiet tal-[Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart],

[...]

6. "preparazzjoni għa użu mill-ġdid" tfisser kull operazzjoni ta' verifika, tindif, tiswija jew ta' rkupru, li biha prodotti jew komponenti ta' prodotti li saru skart jiġu ppreparati sabiex jintużaw mill-ġdid mingħajr ebda proċessar bil-quddiem ieħor;

[…]

Status ta' tmiem tal-iskart

Paragrafu 5(1) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'regolament imsemmi fil-Paragrafu 5(2) jew f'regolament imsemmi fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, is-sustanzi eżistenti għandhom jitqiesu bħala skart sakemm huma jew sustanzi miksuba direttament minnhom jintużaw bħala sostitut għal materja prima jew għal prodotti miksuba minn materja prima primarja. Fil-każ ta' preparazzjoni għall-użu mill-ġdid fis-sens tal-punt 6 tal-Artikolu 2(5), l-tmiem tal-istatus ta' skart iseħħ fit-tmiem ta' dik l-operazzjoni ta' rkupru.

[…]

Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart

Paragrafu 8(1) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet u biex jiġu implimentati l-prinċipji stabbiliti fil-[Liġi dwar l-Immaniġġjar ta' Skart], il-Ministru Federali għall-Agrikoltura, il-Forestrija, l-Ambjent u l-Immaniġġjar tal-Ilma għandu jfassal pjan federali għall-immaniġġar ta' skart mill-inqas kull sitt snin.

[…]"

### *2. Il-Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart*

12. Il-Bundesabfallwirtschanftsplan 2011 (il-Pjan Federali Awstrijak għall-Immaniġġar ta' Skart tal-2011, iktar 'il quddiem il-"Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart"), adottat abbażi tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2008/98 u l-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart, jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi dwar it-tnaqqis tal-kwantitajiet ta' skart, tas-sustanzi li jniġġsu tiegħu u tal-effett dannuż tiegħu fuq l-ambjent u s-saħħa, kif ukoll l-irkupru ta' skart ambjentalment sod u ekonomikament utli.

### *3. Il-Liġi dwar ir-Rijabilitazzjoni ta' Siti Perikolużi li ma għadhomx jintużaw*

13. Skont l-Artikolu 1 tal- Altlastensanierungsgesets tal-1989 (il-Liġi Federali Awstrijaka tal-1989 dwar ir-Rijabilitazzjoni ta' Siti Perikolużi li ma għadhomx jintużaw, din il-liġi għandha l-għan "li tiffinanzja s-salvagwardja u r- rijabilitazzjoni ta' siti perikolużi li ma għadhomx jintużaw fis-sens ta' [dik il-liġi]". B'mod partikolari, l-Artikolu 3 jipprevedi li d-depożitu fit-tul ta' skart fil-wiċċ jew taħt l-art sabiex, *inter alia*, mili ta' art irregolari jew żvilupp tal-art, għandu jkun suġġett għall-ħlas ta' kontribuzzjoni magħruf bħala l-"Altlastenbeitrag" (il-kontribuzzjoni ta' sit perikoluż mhux użat). Madankollu, dan l-iskart huwa eżenti minn dan l-obbligu meta, essenzjalment, jintuża skont ir-rekwiżiti tal-Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart. Il-Liġi dwar ir-Rijabilitazzjoni ta' Siti Perikolużi li ma għadhomx jintużaw tistabbilixxi wkoll, fl-Artikolu 10, proċedura li l-għan tagħha huwa li tiċċara, permezz ta' deċiżjoni amministrattiva, jekk il-kundizzjonijiet sostantivi għall-obbligu ta' kontribuzzjoni fir-rigward ta' siti kkontaminati humiex issodisfatti.

## III. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

14. Porr Bau, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, hija impriża ta' kostruzzjoni stabbilita fl-Awstrija. F'Lulju 2015, ċerti bdiewa lokali talbuha biex tfornihom b'ħamrija skavata u biex tqassamha fuq il-proprjetajiet tagħhom. L-iskop tat-talba tal-bdiewa kien li jillivellaw l-art agrikola tagħhom u jtejbu ż-żoni ta' kultivazzjoni tagħhom, u b'hekk iżidu r-rendiment.

15. Fid-data meta l-bdiewa avviċinaw lil Porr Bau, ma kienx ċert li din l-impriża kienet se tkun f'pożizzjoni li twieġeb it-talba tagħhom. Kien biss wara l-għażla ta' proġett ta' kostruzzjoni xieraq u l-estrazzjoni ta' kampjuni tal-ħamrija li Porr Bau pprovdiet il-materjal mitlub. Għal dan il-għan, il-ħamrija kienet ġiet ikklassifikata bħala ta' kwalità tal-klassi A1, jiġifieri l-ogħla kwalità ta' ħamrija skavata mhux ikkontaminata stabbilita fil-Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart. L-użu ta' din il-klassi ta' ħamrija huwa, skont il-liġi Awstrijaka, xieraq u awtorizzat għall-adattament u għall-iżvilupp tal-art. Porr Bau tħallset ukoll biex twettaq ix-xogħlijiet għat-titjib tal-art u ż-żoni ta' kultivazzjoni kkonċernati.

16. Fl-4 ta' Mejju 2018, skont il-Liġi dwar ir-Rijabilitazzjoni ta' Siti Perikolużi li ma għadhomx jintużaw, Porr Bau talbet lill-awtorità konvenuta tiddikjara li l-ħamrija skavata fornuta lill-bdiewa ma kinitx tikkostitwixxi skart. Sussidjarjament, hija talbet li din il-ħamrija tiġi eżentata mill-obbligu tal-ħlas ta' kontribuzzjoni għall-użu tal-iskart.

17. Fl-14 ta' Settembru 2020, l-awtorità konvenuta kkonstatat li l-ħamrija skavata inkwistjoni kienet tikkostitwixxi skart fis-sens tal-Artikolu 2(1) tal-Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart. Din l-awtorità qieset ukoll li l-ħamrija ma kisbitx l-tmiem tal-istatus ta' skart, essenzjalment minħabba n-nuqqas ta' konformità ma' ċerti rekwiżiti formali stipulati fil-Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart. Għalhekk ikkonkludiet li l-kontribuzzjoni fuq l-użu tal-iskart ma setgħetx tiġi eżentata.

18. Il-Landesverwaltungsgericht Steiermark (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Styria, l-Awstrija), li qed tisma' l-appell kontra din id-deċiżjoni, għandha dubji dwar il-pożizzjoni tal-awtorità konvenuta.

19. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tiddubita l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "skart" adottat minn din l-awtorità u l-applikazzjoni tiegħu għal ħamrija skavata mhux ikkontaminata tal-ogħla klassi ta' kwalità, bħall-ħamrija inkwistjoni f'din il-kawża. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tosserva li, skont id-dritt Awstrijak, materjali skavati jistgħu jiksbu tmiem tal-istatus ta' skart biss meta jkunu ġew użati direttament bħala sostitut ta' materja prima jew ta' prodotti magħmula minn materja prima primarja. Dan iqajjem il-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tirregolax il-kisba ta' tmiem tal-istatus ta' skart b'mod iktar strett mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/98 fir-rigward ta' ħamrija mhux ikkontaminata tal-ogħla kwalità. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tirrileva li d-dritt Awstrijak jeħtieġ, għall-finijiet tal-kisba ta' tmiem tal-istatus ta' skart, it-twettiq ta' ċerti rekwiżiti formali, speċifikament obbligi ta' żamma ta' reġistri u ta' dokumentazzjoni. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fir-rigward ta' ħamrija skavata mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità, l-obbligu ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, li din il-qorti tqis li ma għandhomx rilevanza ambjentali, jiksirx l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/98.

20. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landesverwaltungsgericht Steiermark (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Styria) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-istatus ta' tmiem tal-iskart jintlaħaq biss meta l-iskart jew is-sustanzi residwali jew is-sustanzi li jirriżultaw minnhom jintużaw direttament bħala sostituti ta' materja prima jew ta' prodotti magħmula minn materja prima jew meta jiġu ppreparati bil-għan ta' użu mill-ġdid, tmur kontra l-Artikolu 6(1) tad-[Direttiva 2008/98]?

Fil-każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda:

2. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-istatus ta' tmiem tal-iskart, fir-rigward ta' materjal estratt, jista' biss jintlaħaq l-iktar kmieni permezz tas-sostituzzjoni ma' materja prima jew ma' prodotti mmanifatturati minn materja prima, tmur kontra l-Artikolu 6(1) tad-[Direttiva 2008/98]?

Fil-każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel u/jew għat-tieni domanda:

3. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-istatus ta' tmiem tal-iskart, fir-rigward ta' materja estratta, ma jistax jintlaħaq jekk kriterji formali (b'mod partikolari obbligi ta' reġistrazzjoni u dokumentazzjoni) li ma għandhomx influwenza ambjentali rilevanti fuq il-miżura implimentata, ma jiġux osservati jew ma jiġux osservati kompletament, minkejja li l-materja estratta taqa' b'mod verifikabbli taħt il-valuri limiti previsti għall-użu konkret (klassi ta' kwalità) preskritti minħabba l-użu speċifiku previst, tmur kontra l-Artikolu 6(1) tad-[Direttiva 2008/98]?"

## IV. Analiżi

21. Permezz tat-talba tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li taħtha jintlaħaq tmiem tal-istatus ta' skart, bħala regola ġenerali, biss meta l-iskart jintuża direttament bħala sostitut għall-materja prima jew jiġi ppreparat għall-użu mill-ġdid u, fil-każ partikolari ta' materjali skavati, biss meta l-materjali skavati jkunu ntużaw direttament bħala sostitut għall-materja prima, u d-detentur tagħhom ikun issodisfa rekwiżiti formali bħaż-żamma ta' rekords u obbligi ta' dokumentazzjoni.

22. Preliminarjament, irrid ninnota li, fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar jekk il-ħamrija skavata mhux ikkontaminata, ikklassifikata bħala tal-aqwa kwalità skont id-dritt nazzjonali, tikkostitwixxix skart fis-sens tal-Artikolu 3(1) Direttiva 2008/98. Wara kollox, l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva hija bbażata fuq il-premessa li sustanza jew oġġett jiġi kkwalifikat minn qabel bħala skart. Għalkemm din il-kwistjoni partikolari ma ġietx espressament imqajma fid-domandi preliminari, l-ewwel ser neżamina jekk il-provvista minn kumpannija tal-kostruzzjoni ta' ħamrija skavata mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kawża bħal dik fil-kawża prinċipali, għandhiex titqies bħala skart. Fl-analiżi tiegħi, ser nindirizza wkoll il-kwistjoni, diskussa mill-partijiet waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dwar jekk il-ħamrija fornita għandhiex titqies minflok bħala prodott sekondarju fis-sens tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98.

23. Abbażi tal-preżunzjoni li l-materjal inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa kkunsidrat bħala skart, ser neżamina t-tliet domandi preliminari flimkien. Dawn id-domandi għandhom jinqraw bħala li jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni hijiex kompatibbli mal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98 meta l-unika possibbiltà ta' rkupru għal ħamrija skavata mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità, sabiex jintlaħaq tmiem tal-istatus ta' skart, hija l-użu tagħha bħala sostitut għall-materja prima u t-twettiq ta' ċerti rekwiżiti formali bħall-obbligi taż-żamma tar-rekords u tad-dokumentazzjoni.

## A. Ħamrija skavata mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità bħala skart jew bħala prodott sekondarju

### *1. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/98*

24. Qabel ma neżamina jekk ħamrija skavata mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità tistax titqies bħala skart jew, alternattivament, bħala prodott sekondarju, fis-sens rispettiv tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, għandi fil-qosor nirrimarka li l-Artikolu 2(1)(c) ta' din l-istess direttiva jeskludi, mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, ħamrija mhux ikkontaminata u materjal skavat ieħor li jirriżulta b'mod naturali waqt attivitajiet ta' kostruzzjoni fejn huwa ċert li l-materjal ser jintuża għal finijiet ta' kostruzzjoni fl-istat naturali tiegħu fuq is-sit li minnu kien skavat.

25. Peress li, fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-ħamrija skavata inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet iddepożitata f'post differenti minn dak li minnu ġiet skavata, din ma hijiex koperta mill-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva 2008/98 u, konsegwentement, għandha tiġi kkunsidrata skont id-definizzjoni ta' skart u d-dispożizzjonijiet għall-prodotti sekondarji ta' din id-direttiva [6].

### *2. Il-kunċetti ta' "skart" u "prodott sekondarju"*

26. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98 jiddefinixxi l-kunċett ta' "skart" bħala kwalunkwe sustanza jew oġġett li d-detentur jarmi jew bi ħsiebu jarmi – skart *suġġettiv* – jew huwa meħtieġ li jarmi – skart *oġġettiv*. Il-kunċett ta' skart ġie interpretat b'mod wiesa' mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ddefinixxiet kriterji rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk sustanza jew oġġett, inklużi materjali, għandhomx jitqiesu bħala skart fis-sens ta' din id-dispożizzjoni [7].

27. B'mod partikolari, skont ġurisprudenza stabbilita, il-klassifikazzjoni ta' sustanza jew oġġett bħala skart, fis-sens suġġettiv tiegħu, tirriżulta qabelxejn mill-aġir tad-detentur u mit-tifsira tal-kelma "jarmi" [8]. Din it-terminu u t-terminu "skart" jinkludu kunċetti tad-dritt tal-Unjoni li, fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 2008/98 li timminimizza l-effetti negattivi tal-ġenerazzjoni u l-ġestjoni tal-iskart fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, ma jistgħux jiġu interpretati b'mod restrittiv [9].

[6] Ara, f'dan ir-rigward, il-premessa 11 tad-Direttiva 2008/98, *in fine*.

[7] Għal deskrizzjoni reċenti ta' dawn il-kriterji, ara s-sentenza fil-kawża Sappi, punti 43 sa 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[8] Sentenza tal-4 ta' Lulju 2019, Tronex (C-624/17, EU:C:2019:564, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[9] Is-sentenza fil-kawża Sappi, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata.

28. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li, sabiex jiġi evalwat jekk sustanza jew oġġett huwiex skart, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ partikolari, filwaqt li jitqiesu l-għan tad-Direttiva 2008/98 u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-effikaċja tagħha ma tiġix ippreġudikata [10].

29. Fost iċ-ċirkustanzi li jistgħu jiżvelaw l-eżistenza ta' skart hemm il-fatt, l-ewwel, li sustanza jew oġġett tkun residwu ta' produzzjoni, jiġifieri prodott li ma jkunx ġie mfittex inkwantu tali [11]. Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni partikolari, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għall-fatt li s-sustanza jew l-oġġett in kwistjoni ma hijiex jew ma tistax tibqa' tiġi użata mid-detentur tagħha, b'mod li din is-sustanza jew dan l-oġġett tikkostitwixxi piż li huwa jrid jarmi [12]. Barra minn hekk, la l-metodu ta' pproċessar u lanqas il-mod ta' użu ta' sustanza ma huma determinanti għall-klassifikazzjoni ta' sustanza bħala "skart" jew bħala mhux skart. Fl-aħħar nett, il-kunċett ta' "skart" ma jeskludix is-sustanzi u l-oġġetti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' użu ekonomiku mill-ġdid [13].

30. Fl-istess waqt tal-ġurisprudenza preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat ukoll il-kunċett ta' "prodott sekondarju", l-iktar abbażi tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 75/442 [14] u tad-Direttiva 2006/12. Din il-ġurisprudenza hija attwalment ikkodifikata fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, li essenzjalment jirreferi għal sustanza jew oġġett li d-detentur ma jkunx lest li jarmi, minħabba l-vantaġġ finanzjarju li jista' jinkiseb mill-użu mill-ġdid tiegħu, u li għalhekk ma jistax jitqies bħala piż u għalhekk bħala skart. Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jkunx iġġustifikat li sustanza jew oġġett li d-detentur ikollu l-ħsieb li jisfrutta jew jikkummerċjalizza b'termini ekonomikament vantaġġużi, fil-kuntest ta' proċess ta' rkupru sussegwenti, tiġi ssuġġettata għar-rekwiżiti stretti tad-Direttiva 2008/98 dwar il-protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem [15].

### *3. Ħamrija skavata mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità mitluba għal-livellar u t-titjib ta' art tal-kultivazzjoni*

31. Huwa finalment il-kompitu tal-qorti tar-rinviju, li unikament għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti tal-kawża adita biha, li tivverifika, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, jekk detentur ta' materjali skavati, senjatament ħamrija mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità, għandux l-intenzjoni li jarmihom, li tagħti lok għal skart, jew jisfruttahom f'termini ekonomikament vantaġġużi, li tagħti lok għal prodott sekondarju [16]. Dan premess, nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-gwida li ġejja sabiex issolvi t-tilwima quddiemha. Din il-gwida hija bbażata fuq iċ-ċirkustanzi speċifiċi li ma għandhomx jiġu injorati f'kawża bħal dik fil-kawża prinċipali.

[10] Sentenza tal-4 ta' Lulju 2019, Tronex (C-624/17, EU:C:2019:564, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[11] Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2008, Commune de Mesquer (C-188/07, EU:C:2008:359, punt 41).

[12] Sentenza tal-4 ta' Lulju 2019, Tronex (C-624/17, EU:C:2019:564, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[13] Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Brady (C-113/12, EU:C:2013:627, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[14] Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva 91/156/KEE tat-18 ta' Marzu 1991 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 3) u kkonsolidata fid-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart (ĠU 2006, L 114, p. 9).

[15] Sentenza tal-4 ta' Lulju 2019, Tronex (C-624/17, EU:C:2019:564, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[16] Is-sentenza fil-kawża Sappi, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.

### a) Ħamrija skavata tal-aqwa kwalità bħala skart

32. L-ewwel, nixtieq nirrimarka li, skont il-Gvern Awstrijak, id-deċiżjoni adottata mill-awtorità konvenuta, li tikkonkludi li l-ħamrija skavata inkwistjoni għandha l-istatus ta' skart, hija bbażata fuq il-ġurisprudenza żviluppata mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Awstrija) dwar il-kunċett ta' "skart" kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tal-Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart[17]. Skont din il-qorti, fejn materjali jiġu skavati jew imwaqqgħin waqt proġett ta' kostruzzjoni, l-għan ewlieni tal-iżviluppatur tal-kostruzzjoni huwa normalment li jlesti dak il-proġett mingħajr ma jkun imxekkel minn dawn il-materjali. Għalhekk jitneħħew mis-sit bl-intenzjoni li jintremew.

33. Naqbel li l-istandard stabbilit mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema), segwit sussegwentement fid-deċiżjoni appellata, jista' jiġi użat, bħala regola ġenerali, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-materjali skavati li jirriżultaw minn attivitajiet ta' kostruzzjoni għandhomx jiġu kkunsidrati bħala skart. Madankollu, kif indikat fil-punt 28 iktar 'il fuq, l-evalwazzjoni tal-eżistenza tal-iskart, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98, teħtieġ, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha ta' każ speċifiku.[18] Dan ifisser li, sabiex tiġi applikata din ir-regola ġenerali, l-elementi li jikkaratterizzaw l-intenzjoni konkreta ta' detentur ta' skart ma għandhomx jiġu injorati.

34. Fil-fehma tiegħi, kuntrarjament għall-pożizzjoni meħuda mill-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni, hemm elementi fattwali f'dan il-każ li jistħoqqilhom li jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-intenzjoni speċifika ta' impriża ta' kostruzzjoni fir-rigward tal-użu ulterjuri tal-materjal li tkun skavat. Dawk l-elementi jistgħu jinkludu, pereżempju, id-domanda minn qabel għall-materjal li għandu jiġi skavat minn operaturi lokali meta dak il-materjal jista' jiġi kkummerċjalizzat wara għażla bir-reqqa u teħid ta' kampjuni tal-kwalità tiegħu. Essenzjalment, ma jistax jiġi eskluż li kumpanija tal-kostruzzjoni, minflok ma tipperċepixxi materjal skavat bħala residwu jew piż li għandu jintrema, tista' minflok tfittex modi biex tikseb profitt mill-attività tagħha stess, speċjalment meta dak il-materjal huwa kklassifikat bħala li jappartjeni lill-klassi tal-ħamrija mhux ikkontaminata tal-ogħla kwalità.

35. Tabilħaqq, il-kawża preżenti turi kif impriża ta' kostruzzjoni tista' tkun inklinata, mhux li tarmi materjal preċedentement skavat, iżda li tisfruttah f'termini ekonomikament vantaġġużi. Dan huwa ssuġġerit mill-fatt li kien grupp ta' bdiewa lokali li fil-bidu kkuntattjaw lil Porr Bau sabiex iqassmu l-ħamrija skavata fuq il-proprjetajiet tagħhom għall-iskopijiet ta' llivellar u titjib tal-art agrikola tagħhom. Filwaqt li ma kienx ċert, fiż-żmien meta l-bdiewa avviċinaw lil Porr Bau, li din l-impriża kienet se tkun f'pożizzjoni li tissodisfa t-talba tagħhom, l-inizjattiva ta' dawn il-bdiewa ħeġġitha biex tagħżel proġett ta' kostruzzjoni xieraq u biex tieħu kampjuni tal-ħamrija. Id-deċiżjoni tar-rinviju tindika barra minn hekk li din il-ħamrija kienet suġġetta għal kontroll ta' kwalità u li sussegwentement ġiet ikklassifikata bħala materjal mhux ikkontaminat tal-aqwa kwalità, li, skont il-liġi Awstrijaka, huwa xieraq u awtorizzat għall-adattament u għall-iżvilupp tal-art. Fuq talba tal-bdiewa, Porr Bau tħallset ukoll biex twettaq ix-xogħlijiet għat-titjib tal-art u ż-żoni tal-kultivazzjoni kkonċernati.

36. Huwa mbagħad diffiċli li jiġi konkluż li, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża preżenti, l-intenzjoni ta' impriża ta' kostruzzjoni hija li tarmi ħamrija skavata li tkun ġiet magħżula bir-reqqa, suġġetta għal kontroll ta' kwalità u pprovduta bħala materjal mhux ikkontaminat tal-aqwa kwalità sabiex tissodisfa talba speċifika minn operaturi lokali li jeħtieġu dan il-materjal.

[17] L-Artikolu 2(1) tal-Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart jittrasponi l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98 fid-dritt Awstrijak.

[18] Ara, bħala eżempju ieħor, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2007, KVZ retec (C-176/05, EU:C:2007:123, punt 64).

Nemmen ukoll li ma għandux jiġi preżunt li l-ħamrija kollha skavata minn impriża ta' kostruzzjoni għandha awtomatikament tintrema. Wara kollox, ma jistax jiġi eskluż li dan il-materjal jista' jintuża fil-proġett ta' kostruzzjoni kkonċernat, li, kif ġie indikat fil-punt 24 iktar 'il fuq, jirrendih barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/98.

37. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, naħseb li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha xxaqleb favur il-fehma li, suġġett għall-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, ħamrija skavata tal-aqwa kwalità mhux ikkontaminata ma għandhiex titqies, f'kawża bħal dik preżenti, bħala skart fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98.

### *b) Ħamrija skavata tal-aqwa kwalità bħala prodott sekondarju*

38. Min-naħa l-oħra, analiżi mill-qrib tal-kawża turi biċ-ċar, konformement mal-osservazzjonijiet bil-miktub ta' Porr Bau, li l-ħamrija inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98 għal prodott sekondarju.

39. F'dan ir-rigward għandi nfakkar li, skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, sustanza jew oġġett li jirriżultaw minn proċess ta' produzzjoni, li l-għan primarju tagħhom ma huwiex il-produzzjoni ta' dak l-artikolu, jistgħu jitqiesu li ma humiex skart, iżda bħala prodott sekondarju. Biex dan ikun il-każ, din id-dispożizzjoni teħtieġ ukoll li jiġu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet, jiġifieri (i) l-użu ulterjuri tas-sustanza jew l-oġġett ikun ċert; (ii) is-sustanza jew l-oġġett jistgħu jiġu użati direttament mingħajr kwalunkwe proċessar ulterjuri ħlief prattika industrijali; (iii) is-sustanza jew l-oġġett huma prodotti bħala parti integrali ta' proċess ta' produzzjoni, u (iv) l-użu ulterjuri jkun skont il-liġi. Ser neżamina fil-qosor dawk l-elementi kollha fid-dawl tal-informazzjoni li toħroġ mill-proċess tal-Qorti tal-Ġustizzja.

#### *1) Definizzjoni ta' prodott sekondarju*

40. Fir-rigward, l-ewwel nett, ta' jekk il-ħamrija skavata tistax tiġi kkunsidrata bħala "sustanza jew oġġett, li jirriżultaw minn proċess ta' produzzjoni, li l-għan primarju tagħhom mhuwiex il-produzzjoni ta' dak l-artikolu", fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, li huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li l-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment iddeċidiet, fil-ġurisprudenza stabbilita tagħha, li "materjal jew materja prima li tirriżulta minn proċess ta' estrazzjoni jew ta' manifattura" ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala residwu, iżda bħala prodott sekondarju [19]. Kif diġà ġie nnutat, din il-ġurisprudenza tinsab fil-qalba tal-kunċett ta' "prodott sekondarju", li sussegwentement ġie kkodifikat fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98 bl-użu għal dan il-għan, minflok tat-termini "proċess ta' estrazzjoni jew ta' manifattura", tat-termini "proċess ta' produzzjoni".

41. Fil-fehma tiegħi, kuntrarjament għat-teżi difiża, essenzjalment, mill-Gvern Awstrijak fl-osservazzjonijiet tiegħu, ebda argument ma jsostni l-fehma li l-leġiżlatur tal-Unjoni, meta kkodifika l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bl-użu tat-termini "proċess ta' produzzjoni", kellu l-intenzjoni li jirrestrinġi l-kunsiderazzjoni ta' prodotti sekondarji għal oġġetti sekondarji li jirriżultaw minn produzzjoni industrijali. Għall-kuntrarju, proċess ta' produzzjoni huwa komunement iddefinit minn studjużi ekonomiċi bħala l-proċess li fih il-fatturi tal-produzzjoni, jiġifieri l-kapital, ix-xogħol, it-teknoloġija u l-art (*inputs*), jinbidlu f'oġġetti u servizzi

[19] Ara, *inter alia*, is-sentenza fil-kawża Sappi, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata.

(*output*)[20]. L-art għalhekk tista' tkun is-suġġett ta' proċess ta' produzzjoni, li jfisser li prodott sekondarju li jirriżulta mit-trasformazzjoni tagħha, inkluż il-ħamrija skavata, għandu jitqies li jaqa' taħt il-kunċett ta' "prodott sekondarju", sakemm jissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali stipulati fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98.

42. F'dan ir-rigward, nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sentenza fil-kawża Brady, iċċitata iktar 'il fuq[21]. Fiha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, meta interpretat id-Direttiva 75/442, li d-demel likwidu ġġenerat fl-irziezet bħala prodott sekondarju u mibjugħ lil bdiewa oħra biex jerġa' jintuża bħala fertilizzant jista' jitqies bħala prodott sekondarju. Dan jindika li, anki qabel l-adozzjoni tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet, bħala prodotti sekondarji, *outputs* li jirriżultaw minn attivitajiet ta' trasformazzjoni ekonomika li ma jseħħux esklużivament f'kuntest industrijali. Fuq din il-bażi, nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tadotta interpretazzjoni tat-termini "proċess ta' produzzjoni" li, mhux biss tgħaqqad id-definizzjoni komuni ta' dawn it-termini, iżda jsegwi wkoll il-fehim tal-kunċett ta' "prodott sekondarju" fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja qabel l-adozzjoni tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98.

*2) Użu ulterjuri huwa ċert biżżejjed*

43. Fir-rigward tal-kundizzjoni li l-użu ulterjuri tas-sustanza jew tal-oġġett inkwistjoni għandu jkun ċert, mingħajr preġudizzju għall-verifiki speċifiċi li l-qorti tar-rinviju ser twettaq, huwa ċert biżżejjed f'dan ir-rigward li, qabel l-iskavar tal-ħamrija inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kien hemm talba espressa għall-provvista ta' dan il-materjal minn operaturi lokali. Sussegwentement, din it-talba rriżultat f'impenn biex tiġi pprovduta l-ħamrija mitluba, flimkien ma' ftehim li permezz tiegħu l-impriża tal-kostruzzjoni twettaq, bl-użu tal-istess materjal, ix-xogħlijiet meħtieġa għal-livellar u t-titjib tal-art agrikola kkonċernata. Anki jekk, fid-data li fiha l-bdiewa avviċinaw inizjalment lil Porr Bau, ma kienx ċert li din l-impriża setgħet takkomoda t-talba tagħhom, dan fih innifsu ma jfissirx, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-użu ulterjuri tal-ħamrija skavata kkonċernata kien inċert[22]. Tabilħaqq, ir-rekwiżit taċ-ċertezza jidher li ġie ssodisfatt fi stadju bikri biżżejjed fil-kawża preżenti.

44. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja, stabbilixxiet kriterji utli sabiex jiġi evalwat b'mod iktar speċifiku jekk l-użu ulterjuri ta' materjal intiż biex jitqassam fuq art agrikola, bħall-ħamrija skavata inkwistjoni, huwiex ċert biżżejjed. Ir-rekwiżiti stabbiliti pereżempju fis-sentenza fil-kawża Brady diġà ċċitata huma dawn li ġejjin:

– l-ewwel, l-artijiet tal-bdiewa fejn il-materjal għandu jiġi fornut għandhom ikunu identifikati b'mod ċar mill-bidu nett[23];

– it-tieni, il-materjal – u l-kwantitajiet li għandhom jiġu kkonsenjati – għandhom fil-fatt ikunu intiżi u strettament limitati għall-ħtiġijiet tal-użu speċifiku stabbilit[24];

[20] Skont l-ekonomija klassika, il-materjali skavati huma kkategorizzati bħala prodotti sekondarji tal-art. Ara, *inter alia*, Pearce, D. W., Macmillan dictionary of Modern Economics, London: Macmillan Education UK, p. 311 sa 320. Ara wkoll, bħala eżempju konkret, Environmental Protection Agency of Ireland, Guidance on Soil and Stone By-products, Ġunju 2019, disponibbli fuq https://www.epa.ie/publications/licensing–permitting/waste/Guidance_on_Soil_and_Stone_By_Product.pdf

[21] Ara s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Brady (C-113/12, EU:C:2013:627, punt 60).

[22] Ara s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Brady (C-113/12, EU:C:2013:627, punt 48).

[23] *Ibid.*, punt 53.

[24] *Ibid.*, punt 52, 53 u 56.

– it-tielet, il-provvista tal-materjal ikkonċernat għandha tkun effettivament użata jew kkummerċjalizzata b'kundizzjonijiet li huma ekonomikament vantaġġużi għad-detentur tiegħu;

– ir-raba', fil-każ li l-materjal inkwistjoni ma jiġix fornut immedjatament, hemm obbligu li tintuża ħażna xierqa u suffiċjenti biex tinżamm il-ħamrija matul il-perjodu ta' ħażna; barra minn hekk, dan il-perjodu ta' ħażna ma għandux jaqbeż dak li huwa meħtieġ sabiex l-impriża tkun tista' twettaq l-impenji kuntrattwali tagħha [25];

45. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkunsidra li tagħmel applikabbli r-rekwiżiti elaborati fis-sentenza fil-kawża Brady, dwar l-użu ulterjuri ta' materjal li għandu jitqassam fuq art agrikola, għal kawża dwar ħamrija skavata bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Dan jgħin biex jiġi evalwat b'mod iktar speċifiku jekk l-użu ulterjuri ta' dan il-materjal huwiex ċert biżżejjed fis-sens tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2008/98. Fil-fatt, nirrileva li l-informazzjoni kondiviża mill-qorti tar-rinviju fid-deċiżjoni tar-rinviju tidher li tiżvela li l-ewwel tliet rekwiżiti huma ssodisfatti fil-kawża prinċipali. Min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni tar-rinviju ma fiha ebda informazzjoni dwar jekk il-ħamrija skavata inkwistjoni fil-kawża prinċipali kinitx – jew le – ġiet ipprovduta immedjatament, u dan iqajjem il-kwistjoni dwar jekk ir-rekwiżit relatat mal-ħażna ta' dan il-materjal kienx applikabbli. Fi kwalunkwe każ, irrid nenfasizza, għal darba oħra, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq din l-evalwazzjoni u li fl-aħħar mill-aħħar tiddetermina jekk il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2008/98 għandhiex tiġi kkunsidrata bħala ssodisfatta.

*3) L-ebda pproċessar ulterjuri u parti minn proċess ta' produzzjoni integrali*

46. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 5(1)(b) u (c) tad-Direttiva 2008/98, li skonthom is-sustanza jew l-oġġett għandhom jiġu użati direttament mingħajr kwalunkwe pproċessar ulterjuri ħlief prattika industrijali normali u s-sustanza jew l-oġġett għandhom jiġu prodotti bħala parti integrali ta' proċess ta' produzzjoni, naħseb li huwa ċar li l-ħamrija skavata fornuta għal-livellar tal-art ma teħtieġ ebda pproċessar jew trattament qabel l-użu ulterjuri tagħha. Dan iktar u iktar meta, kif intqal ripetutament, din il-ħamrija skavata għaddiet minn kontroll li jiddikjara li hija materjal mhux ikkontaminat tal-aqwa kwalità, rikonoxxut bħala tali mid-dritt nazzjonali [26].

47. Barra minn hekk, diġà argumentajt, fil-punti 41 u 42 iktar 'il fuq, li t-terminu "proċess ta' produzzjoni", fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi attivitajiet ta' trasformazzjoni ekonomika li jmorru lil hinn minn dawk li jseħħu esklużivament f'kuntest industrijali. Fir-rigward tal-kawża preżenti, huwa importanti li wieħed jifhem li l-ħamrija skavata hija r-riżultat inevitabbli ta' wieħed mill-ewwel passi li normalment jittieħdu f'operazzjoni ta' kostruzzjoni bħala attività ekonomika, li r-riżultat tagħha huwa t-trasformazzjoni tal-art. Għal din ir-raġuni, il-ħamrija skavata għandha titqies, bħala parti integrali minn proċess ta' produzzjoni fis-sens tal-Artikolu 5(1)(ċ) tad-Direttiva 2008/98.

48. Fl-aħħar nett inqis li huwa importanti li l-Qorti tal-Ġustizzja tadotta wkoll ftehim dinamiku dwar il-frekwenza li ċertu prodott sekondarju jiġi fornut bħala tali minn impriża, li ma hijiex, inċidentalment, kundizzjoni espressament stabbilita mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98. Anki jekk materjal ma kienx ipprovdut fuq bażi regolari bħala prodott sekondarju – kif jista' jkun

25 *Ibid.*, punti 55 u 56.

26 Kif tispjega Porr Bau fl-osservazzjonijiet tagħha, mingħajr ma ġiet ikkonfutata mill-partijiet l-oħra quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħamrija fornuta kienet "ħamrija verġni", li ttieħdet minn sit agrikolu wieħed u kkunsinnata direttament f'sit agrikolu identiku ieħor.

il-każ ta' Porr Bau u l-ħamrija skavata inkwistjoni fil-kawża prinċipali – dan ma għandux iwassal għall-konklużjoni li l-provvista ta' dan il-materjal ma tistax tevolvi u tinbidel f'attività li tista' titwettaq fuq bażi iktar regolari jekk dan jirriżulta f'benefiċċju ekonomiku għal impriża.

*4) Użu ulterjuri skont il-liġi*

49. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kundizzjoni li l-użu ulterjuri tas-sustanza jew tal-oġġett inkwistjoni għandu jkun skont il-liġi, l-Artikolu 5(1)(d) tad-Direttiva 2008/98 jirrikjedi, b'mod partikolari, li s-sustanza jew l-oġġett inkwistjoni jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti kollha tal-prodott, dawk ambjentali u ta' protezzjoni tas-saħħa għall-użu speċifiku, u ma huwiex ser jirriżulta f'impatti ġenerali li jikkawżaw ħsara lill-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem.

50. F'dan ir-rigward, diġà semmejt li, skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, il-ħamrija kkonċernata fil-kawża prinċipali kienet ġiet ikklassifikata, wara analiżi ta' kwalità li sar qabel l-użu mill-ġdid tagħha, bħala li tappartjeni għall-ogħla kwalità ta' materjali skavati mhux ikkontaminati kif iddefinit mil-liġi Awstrijaka, b'mod partikolari taħt il-Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart. Kif indikat fil-punt 12 iktar 'il fuq, dan il-pjan għall-immaniġjar tal-iskart jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi dwar it-tnaqqis tal-kwantitajiet ta' skart, tas-sustanzi li jniġġsu tiegħu u tal-effett dannuż tiegħu fuq l-ambjent u s-saħħa. Dan jiddikjara wkoll li l-użu ta' ħamrija tal-aqwa kwalità mhux ikkontaminata huwa xieraq u awtorizzat għall-adattament u għall-iżvilupp tal-art.

51. Għalhekk jidher li, sa fejn klassifikazzjoni tal-ħamrija skavata inkwistjoni fil-kawża prinċipali tenfasizza kemm l-istatus tagħha bħala mhux ikkontaminata kif ukoll l-adegwatezza tagħha għall-għan speċifiku ta' adattament tal-art, ir-raba' kundizzjoni għandha tiġi meqjusa wkoll bħala ssodisfatta fiċ-ċirkustanzi ta' każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

***c) Rimarka finali***

52. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, bla ħsara għall-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, impriża tal-kostruzzjoni li tagħżel b'attenzjoni l-ħamrija, tissuġġettaha għal kontroll ta' kwalità u tipprovdiha bħala materjal mhux ikkontaminat tal-aqwa kwalità sabiex tissodisfa talba speċifika minn operaturi lokali li jeħtieġu dak il-materjal ma għandhiex l-intenzjoni li tarmiha, iżda tista' tfittex li tisfruttaha taħt kundizzjonijiet vantaġġużi għal dik l-impriża. Din il-ħamrija skavata ma għandhiex għalhekk, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża preżenti, titqies bħala skart fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98.

53. Min-naħa l-oħra, inqis li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98 għandu jiġi interpretat fis-sens li ħamrija skavata tal-aqwa kwalità mhux ikkontaminata, fornuta sabiex tiġi ssodisfatta talba speċifika tal-operaturi lokali, wara li tkun intgħażlet dik il-ħamrija u tkun għaddiet minn kontroll ta' kwalità, tikkostitwixxi prodott sekondarju sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu jiġu ssodisfatti skont il-gwida stabbilita fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet.

## B. Il-kisba tat-tmiem tal-istatus ta’ skart

54. L-analiżi preċedenti tiegħi teskludi l-ħtieġa li jiġu eżaminati t-tliet domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/98. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li ma ssegwix il-konklużjoni li l-ħamrija skavata inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha titqies bħala prodott sekondarju, iżda minflok bħala skart, nippreżenta l-analiżi tiegħi fuq dawn it-tliet kwistjonijiet iktar ’il quddiem.

### *1. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/98 u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja*

55. Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98, fil-verżjoni applikabbli għall-kawża preżenti[27], ċertu skart speċifikat ma jibqax skart fis-sens tal-Artikolu 3(1) meta jkun għadda minn operazzjoni ta’ rkupru, inkluż ir-riċiklaġġ.

56. Skont din id-dispożizzjoni, tmiem tal-istatus ta’ skart għandu wkoll jikkonforma ma’ kriterji speċifiċi żviluppati skont il-kundizzjonijiet li ġejjin: l-ewwel, is-sustanza jew l-oġġett għandhom komunement jintużaw għal skopijiet speċifiċi; it-tieni, għandu jkun hemm suq jew tkun teżisti domanda għal tali sustanza jew oġġett; it-tielet, is-sustanza jew l-oġġett għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-iskopijiet speċifiċi u jissodisfaw il-leġiżlazzjoni u l-istandards eżistenti applikabbli għall-prodotti, u, ir-raba’, l-użu tas-sustanza jew l-oġġett ma għandux iwassal għal impatti ġenerali li jagħmlu ħsara lill-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem.

57. Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/98, id-definizzjonijiet tal-kriterji speċifiċi li jippermettu li jintlaħaq tmiem tal-istatus ta’ skart għandhom jiġu adottati primarjament mill-Kummissjoni. Madankollu, fl-assenza ta’ leġiżlazzjoni ta’ implementazzjoni adottata fil-livell tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2008/98 jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu każ b’każ jekk ċertu skart waqafx ikun skart.

58. Jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b’mod partikolari mis-sentenza tagħha fil-kawża Tallinna Vesi, li n-natura eżatta tal-miżuri relatati ma’ tmiem tal-istatus ta’ skart ta’ sustanza jew oġġett ma ġietx speċifikata mil-leġiżlatura tal-Unjoni[28]. L-Istati Membri jistgħu għalhekk jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli b’mod ġenerali li tipprovdi għall-waqfien tal-istatus ta’ skart li jikkonċerna ċerti tipi ta’ skart[29]. Alternattivament, l-Istati Membri jistgħu wkoll jadottaw deċiżjonijiet dwar każijiet individwali, b’mod partikolari fuq il-bażi ta’ applikazzjonijiet imressqa mid-detenturi tas-sustanza jew oġġett ikklassifikat bħala skart[30]. L-Istati Membri huma saħansitra intitolati, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jqisu li ċertu skart ma jistax ma jibqax skart u jirrinunzjaw għall-adozzjoni ta’ regolamenti dwar it-tmiem tal-istatus tiegħu ta’ skart[31].

59. F’dawn it-tliet kuntesti, l-Istati Membri għandhom, madankollu, jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom – jew il-fatt li tali leġiżlazzjoni ma ġietx adottata – ma jammontawx għal ostakolu għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti mid-Direttiva 2008/98. Dawn l-għanijiet ġew iddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala li jinkoraġġixxu l-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart stabbilita fl-Artikolu 4 ta’ din id-direttiva, u, kif jingħad fil-premessi 8 u 29, li jinkoraġġixxu l-irkupru

[27] Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna 5 iktar ’il fuq.

[28] Is-sentenza tat-28 ta’ Marzu 2019, Tallinna Vesi (C-60/18, EU:C:2019:264, punt 22).

[29] *Ibid.*, punti 23 u 25.

[30] *Ibid.*, punt 24.

[31] *Ibid.*, punt 26.

tal-iskart u l-użu ta' materjal irkuprat sabiex jippreżervaw ir-riżorsi naturali u jippermettu l-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari[32]. Barra minn hekk, il-miżuri adottati abbażi tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2008/98 għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(1)(a) sa (d) tagħha, u, b'mod partikolari, jieħdu kont ta' kwalunkwe impatt negattiv possibbli li s-sustanza jew l-oġġett ikkonċernat jista' jkollu fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem[33].

## 2. *Status ta' tmiem tal-iskart ta' ħamrija skavata mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità*

60. Fil-kawża preżenti, huwa paċifiku għall-partijiet li skont l-Artikolu 5(1) tal-Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart, il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina meta l-ħamrija skavata tal-aqwa kwalità mhux ikkontaminata pprovduta minn Porr Bau lill-bdiewa lokali fil-kawża prinċipali waqfet milli tkun skart. It-tweġiba għal din il-kwistjoni hija rilevanti ħafna peress li l-ħlas ta' kontribuzzjoni għad-depożitu ta' skart, skont il-Liġi dwar ir-riabilitazzjoni ta' siti perikolużi li ma għadhomx jintużaw, jiddependi mid-determinazzjoni tal-mument li fih dak il-materjal seta' kiseb it-tmiem tal-istatus ta' skart. [34]

### *a) Dispożizzjonijiet nazzjonali u ġurisprudenza applikabbli*

61. L-Artikolu 5(1) tal-Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart jistipula, essenzjalment, li s-sustanzi jew l-oġġetti derivati mill-iskart ma jiksbux tmiem tal-istatus ta' skart sakemm jintużaw bħala sostitut dirett ta' materja prima jew prodotti miksuba minn materja prima primarja, jew sakemm titlesta l-preparazzjoni tagħhom għall-użu mill-ġdid.

62. Din ir-regola tal-Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart ma tapplikax, madankollu, fl-intier tagħha għall-materjali skavati. Tabilħaqq, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, kif ikkorroborat mill-Gvern Awstrijak[35], il-materjali skavati jiġu kkunsidrati li kisbu tmiem tal-istatus ta' skart biss ladarba jkunu ġew użati bħala sostitut dirett ta' materja prima jew ta' prodotti miksuba minn materja prima primarja. Għalhekk, l-irkupru permezz ta' preparazzjoni għall-użu mill-ġdid ma huwiex disponibbli għalihom bħala riżultat ta' deċiżjoni adottata mill-Awstrija abbażi tal-marġni ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2008/98. Barra minn hekk, biex il-materjali skavati jiksbu tmiem tal-istatus ta' skart, rekwiżiti formali bħaż-żamma ta' rekords jew obbligi ta' dokumentazzjoni għandhom jiġu ssodisfatti skont il-Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart.

63. Is-sors tat-tilwima preżenti huwa prinċipalment marbut man-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar meta l-ħamrija skavata inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi kkunsidrata bħala li għaddiet minn operazzjoni ta' rkupru, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98. Tabilħaqq, Porr Bau tqis li l-kontroll ta' kwalità mwettaq fuq dan il-materjal, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-klassi mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità tiegħu, jammonta għal operazzjoni ta' "preparazzjoni għal użu mill-ġdid" u għalhekk irkupru. Fil-fehma tagħha, li tirrifletti l-opinjoni espressa mill-qorti tar-rinviju fid-deċiżjoni tar-rinviju, dispożizzjoni nazzjonali li tillimita din il-possibbiltà tkun kuntrarja għall-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98.

[32] *Ibid.*, punti 23 u 27.

[33] *Ibid.*, punt 23.

[34] F'dan ir-rigward, il-Gvern Awstrijak jispjega li, skont il-ġurisprudenza tal-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema), materjali skavati meqjusa bħala skart iżommu dan l-istatus anki fil-mument meta jintużaw għall-iżvilupp tal-art. Dan ifisser li, anki jekk dawn il-materjali jiksbu t-tmiem tal-istatus ta' skart bħala riżultat ta' dan l-użu speċifiku, dan ma għandu ebda effett fuq l-obbligu ta' ħlas ta' kontribuzzjoni taħt il-Liġi dwar ir-riabilitazzjoni ta' siti perikolużi li ma jintużawx.

[35] Ara, f'dan ir-rigward, il-premessi tal-Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart.

Min-naħa l-oħra, il-Gvern Awstrijak isostni li kontroll ta' kwalità tal-ħamrija skavata ma jistax jiġi kklassifikat bħala operazzjoni ta' "preparazzjoni għal użu mill-ġdid". Konsegwentement, dan il-materjal ma jistax jiġi kkunsidrat li għadda minn irkupru sakemm jiġi użat għall-adattament ta' art agrikola u għat-titjib taż-żoni ta' kultivazzjoni.

64. F'dan ir-rigward, għandi nfakkar, fl-ewwel lok, li, skont il-premessa 22 tad-Direttiva 2008/98, għall-finijiet tal-kisba ta' tmiem tal-istatus ta' skart, operazzjoni ta' rkupru tista' tkun "sempliċi daqs l-ikkontrollar ta' l-iskart biex ikun verifikat li jissodisfa l-kriterji tat-tmiem ta' l-iskart".

65. Din il-premessa tingħata espressjoni konkreta fl-Artikolu 3(16) tad-Direttiva 2008/98, li formalment jiddefinixxi "preparazzjoni għal użu mill-ġdid" bħala operazzjoni li tikkonsisti fil-"verifika, it-tindif jew it-tiswija" ta' prodotti jew komponenti ta' prodotti li saru skart sabiex jiġu ppreparati sabiex jintużaw mill-ġdid mingħajr ebda proċessar bil-quddiem ieħor[36]. Din l-istess dispożizzjoni tikkwalifika espressament operazzjonijiet ta' "preparazzjoni għal użu mill-ġdid" bħala rkupru. Għalhekk, skart li jgħaddi minn tali operazzjoni ta' "preparazzjoni għal użu mill-ġdid" għandu jitqies li ssodisfa l-ewwel rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98 għall-kisba tat-tmiem tal-istatus ta' skart.

66. Ta' min jinnota wkoll li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98, li jiddefinixxi l-ġerarkija li għandha tiġi applikata fil-leġiżlazzjoni u l-politika dwar l-iskart, ipoġġi l-"preparazzjoni għal użu mill-ġdid" fit-tieni pożizzjoni fl-ordni tal-prijoritajiet għall-immaniġġar tal-iskart, immedjatament wara il-prevenzjoni.

67. Fit-tieni lok, sabiex l-iskart jikseb it-tmiem tal-istatus ta' skart, dan ma għandux biss jgħaddi minn proċess ta' rkupru, bħal verifika, kif imsemmi iktar 'il fuq. Wara kollox, biex isseħħ bidla fl-istatus ta' ċertu skart, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-prodott inkwistjoni ma jkunx ta' ħsara[37]. Dan huwa iktar u iktar meta wieħed iqis li kif indikat reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tmiem tal-istatus ta' skart jirriżulta fit-tmiem tal-protezzjoni li d-dritt li jirregola l-iskart jiggarantixxi fir-rigward tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem[38]. Din hija r-raġuni għaliex, waqt l-irkupru tal-iskart, għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem[39] u għaliex operazzjoni speċifika ta' rkupru għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98 jiġu kompletament issodisfatti.

68. Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula hawn fuq li għandu jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tagħti tmiem tal-istatus ta' skart lill-ħamrija mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità biss meta tkun intużat bħala sostitut għall-materja prima u wara li jkunu ġew issodisfatti ċerti rekwiżiti formali, u mhux meta l-klassi ta' status mhux ikkontaminat u tal-ogħla kwalità tagħha jkunu ġew iddefiniti, hijiex kompatibbli mal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

[36] Din id-dispożizzjoni ġiet trasposta fil-Liġi Awstrijaka f'dawn it-termini eżatti, b'mod partikolari fl-Artikolu 2(5)(6) tal-Liġi dwar l-Immaniġġar ta' Skart.

[37] Is-sentenza fil-kawża Tallinna Vesi, punt 23.

[38] Is-sentenza fil-kawża Tallinna Vesi, punt 23.

[39] Is-sentenza fil-kawża Sappi, punt 66.

### *b) Kontroll ta' kwalità bħala rkupru*

69. Minn naħa, nemmen li huwa ċar biżżejjed li eżami li jista' jiddetermina l-kwalità u l-istatus mhux ikkontaminat ta' ħamrija skavata huwa xieraq, minn perspettiva formali, li jiġi kkunsidrat bħala "operazzjoni ta' kontroll", u għalhekk jaqa' taħt il-kunċett ta' "preparazzjoni għal użu mill-ġdid" kif iddefinit fl-Artikolu 3(16) tad-Direttiva 2008/98. Il-Gvern Awstrijak isostni li din it-tip ta' operazzjoni hija riżervata, skont din id-dispożizzjoni, għal "prodotti jew komponenti ta' prodotti" u li l-ħamrija skavata kkonċernata f'dan il-każ ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala tali. Madankollu, dan l-argument ma għandux jintlaqa' għal raġunijiet simili għal dawk esposti fil-punti 41 u 42 iktar 'il fuq, li jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra attivitajiet ta' trasformazzjoni tal-art, bħal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, bħala proċess ta' produzzjoni u, għalhekk, ħamrija skavata bħala prodott ta' din l-attività. Ħamrija skavata tista' għalhekk tkun suġġetta għal operazzjoni ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid.

70. Min-naħa l-oħra, huwa ċertament il-kompitu ta' qorti nazzjonali li tevalwa, meta jkun meħtieġ abbażi ta' analiżi xjentifika u teknika[40], jekk kontroll ta' kwalità u kontaminazzjoni mwettaq fuq ħamrija skavata huwiex xieraq għall-finijiet li tiġi eskluża kwalunkwe ħsara lill-ambjent u lis-saħħa tal-bniedem, u wkoll xieraq sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98, kif deskritt fil-punt 56 iktar 'il fuq, ġewx ir-rispettati. L-għan għandu jkun li jiġi żgurat li l-ħamrija skavata ma tippreżentax riskju potenzjalment ikbar minn dak ta' materja prima komparabbli għal użu speċifiku.

71. Fir-rigward ta' dawn il-kundizzjonijiet, li tidher li hija s-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali fi fid-dawl tal-fatti stabbiliti fid-deċiżjoni tar-rinviju. Din id-deċiżjoni tindika l-ewwel, li qabel ma sar l-iskavar, ġie stabbilit li ħamrija mhux ikkontaminata tal-aqwa kwalità ser tkun użata għal skop speċifiku illivellar u rrestawrar tal-artijiet agrikoli. It-tieni, kien hemm talba speċifika għal ħamrija skavata, b'mod partikolari mill-bdiewa li indirizzaw lid-detentur ta' ħamrija tal-ogħla kwalità mhux ikkontaminata għal dak il-għan. It-tielet, id-deċiżjoni tar-rinviju tiddikjara li l-ħamrija skavata ssodisfat ir-rekwiżiti tekniċi u l-istandards għal-livellar u r-restawrar ta' art agrikola u rrispettat il-leġiżlazzjoni u l-istandards rilevanti. Ir-raba', minħabba l-aqwa kwalità tal-ħamrija skavata, skont il-Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart, l-użu tas-sustanza jew l-oġġett ma jidhirx li jwassal għal impatti ġenerali li jikkawżaw ħsara fuq l-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem. Infakkar, f'dan ir-rigward, li, fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti tar-rinviju tindika espressament li l-ħamrija skavata inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet b'mod dimostrabbli taħt il-valuri ta' limitu ta' kontaminazzjoni definiti fil-Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart għall-użu speċifiku ta' adattament u żvilupp tal-art.

72. Nixtieq nenfasizza li l-interpretazzjoni ta' hawn fuq tal-Artikolu 3(16) u tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/98, li tagħti status ta' tmiem tal-iskart lill-ħamrija skavata li ġiet suġġetta għall-kontroll u kklassifikata bħala li hija fil-klassi ta' materjal tal-aqwa kwalità taħt id-dritt nazzjonali, tiżgura li l-effikaċja tad-Direttiva 2008/98 ma tiġix ippreġudikata, kif mitlub mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 59 iktar 'il fuq, li, li essenzjalment teħtieġ li l-Istati Membri jagħtu tmiem tal-istatus ta' skart lil sustanzi jew oġġetti fejn dan jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tad-Direttiva 2008/98.u li s-sustanzi jew oġġetti fejn dan jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tad-Direttiva 2008/98.

[40] Is-sentenza fil-kawża Sappi, punt 67.

73. Fir-rigward ta' din il-kawża, għandu jiġi kkunsidrat li l-użu ta' ħamrija skavata tal-aqwa kwalità, għall-finijiet ta' llivellar u rrestawrar ta' art agrikola, jippermetti li tiġi rrispettata l-ġerarkija tal-iskart iddefinita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98 u, b'mod partikolari, li tirrispondi għall-inkoraġġiment li jiġi rkuprat l-iskart sabiex jiġu kkonservati r-riżorsi naturali u jiġi promoss l-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari.

74. Wara kollox, kif issostni Porr Bau, kieku l-materjal skavat mhux ikkontaminat ikklassifikat bħala tal-aqwa kwalità ma kienx ikkunsidrat li kiseb l-tmiem tal-istatus ta' skart wara kontroll ta' kwalità, din il-ħamrija, li l-proprjetajiet tagħha jistgħu jintużaw biex itejbu strutturi tal-agrikoltura, kienet tintrema f'radam, skont l-obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2008/98 u l-leġiżlazzjoni nazzjonali Awstrijaka. Dan iwassal, mhux biss potenzjalment għall-ħsara fil-kapaċità tar-radam, iżda wkoll għall-kontaminazzjoni ta' din il-ħamrija, li ma tistax tibqa' tintuża għal skopijiet utli. Barra minn hekk, minflok ma jimplimenta l-ġerarkija tal-iskart u jirrispondi għall-inkoraġġiment għall-irkupru tal-iskart sabiex jiġu kkonservati r-riżorsi naturali, kif diġà indikat, id-detentur ta' skart bħal dan ikun obbligat, skont id-dritt Awstrijak, iħallas kontribuzzjoni fir-rigward ta' siti kkontaminati li jippreġudika l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas li, skont il-premessi 1 u 26 tad-Direttiva 2008/98, huwa prinċipju gwida għad-dritt u l-politika ambjentali Ewropea.

75. Konsegwentement, jiena tal-fehma li l-għoti ta' tmiem tal-istatus ta' skart lill-ħamrija skavata ladarba tkun ġiet suġġetta għal kontroll u ddefinita bħala materjal mhux ikkontaminat tal-aqwa kwalità tista' tilħaq l-għanijiet tad-Direttiva 2008/98. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li tmiem tal-istatus ta' skart jista' jseħħ biss meta dik it-tip ta' ħamrija tintuża biex tissostitwixxi l-materja prima direttament, u li teskludi l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid għaliha, taqbeż il-marġni ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri u għalhekk hija prekluża mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98.

### *c) Rekwiżiti formali*

76. Fir-rigward tar-rekwiżiti formali, bħall-obbligi ta' żamma ta' rekords u ta' dokumentazzjoni, li, skont il-qorti tar-rinviju, għandhom jiġu ssodisfatti wkoll minn materjali skavati sabiex jintlaħaq tmiem tal-istatus ta' skart, għandu japplika raġunament simili. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li r-rekwiżiti formali ma jippreġudikawx l-effikaċja tad-Direttiva 2008/98. Fi kliem ieħor, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li tmiem tal-istatus ta' skart ta' materjali skavati ma jistax jintemm f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' obbligi formali, minkejja li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98 huma ssodisfatti, tipprevjeni milli jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2008/98 u għalhekk għandha tiġi mwarrba.

77. Ċertament, kif jenfasizza l-Gvern Awstrijak, l-iffissar ta' rekwiżiti formali għal tmiem tal-istatus ta' skart ma huwiex kunċett ġdid għad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni meta jiġu biex jistabbilixxu l-kriterji ta' tmiem tal-istatus ta' skart. Madankollu, dawn ir-rekwiżiti formali għandhom jiġu definiti b'mod li jilħqu l-għanijiet tagħhom mingħajr ma jiġu ppreġudikati l-għanijiet tad-Direttiva 2008/98.

78. Dan ma jidhirx li huwa l-każ fil-kawża prinċipali fid-dawl tad-deskrizzjoni magħmula mill-qorti tar-rinviju fid-deċiżjoni tar-rinviju. Fil-fatt, kif jirrikonoxxi l-Gvern Awstrijak fl-osservazzjonijiet tiegħu, id-deċiżjoni appellata quddiem il-qorti tar-rinviju kkonkludiet li l-ħamrija skavata inkwistjoni ma kisbitx tmiem tal-istatus ta' skart essenzjalment minħabba n-nuqqas ta' konformità ma' ċerti rekwiżiti formali stabbiliti fil-Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart. Madankollu, kif intqal ripetutament, il-qorti tar-rinviju tindika li l-ħamrija skavata

inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet ġiet ikklassifikata bħala ħamrija tal-ogħla kwalità u kienet b'mod dimostrabbli taħt il-valuri ta' limitu ta' kontaminazzjoni ddefiniti fil-Pjan Federali għall-Immaniġġar ta' Skart għall-użu speċifiku tal-adattament u tal-iżvilupp tal-art.

79. Ir-rekwiżiti formali għalhekk wasslu lill-awtorità konvenuta biex tikkunsidra l-ħamrija tal-ogħla kwalità mhux ikkontaminata bħala skart, li jinkoraġġixxi r-rimi u l-akkwist ta' materja prima ġdida minflok jinkoraġixxi l-użu mill-ġdid ta' materjali preeżistenti. Sa fejn l-użu mill-ġdid ta' materjali mhux ikkontaminati tal-aqwa kwalità jista' jiġi skoraġġut, rekwiżiti formali li ma juru li għandhom ebda rilevanza ambjentali għandhom jitqiesu li jippreġudikaw il-promozzjoni tal-ġerarkija tal-iskart iddefinita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98 u, bħala tali l-effikaċja ta' dik id-direttiva.

### *d) Rimarka finali*

80. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti tmiem tal-istatus ta' skart lill-ħamrija skavata mhux ikkontaminata, ikklassifikata bħala materjal tal-aqwa kwalità għall-iskop speċifiku tal-iżvilupp tal-art skont il-liġi nazzjonali, biss meta tintuża direttament bħala sostitut għall-materja prima u safejn tiċħad tmiem tal-istatus ta' skart sakemm id-detentur jissodisfa ċerti rekwiżiti formali li ma għandhom ebda rilevanza ambjentali bħalma huma ż-żamma tar-rekords u l-obbligi ta' dokumentazzjoni.

## V. Konklużjoni

81. Abbażi tal-analiżi esposta iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesverwaltungsgericht Steiermark (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Styria, l-Awstrija) kif ġej:

L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti tmiem tal-istatus ta' skart lill-ħamrija skavata mhux ikkontaminata, ikklassifikata bħala materjal tal-aqwa kwalità għall-iskop speċifiku tal-iżvilupp tal-art skont id-dritt nazzjonali, biss meta tintuża direttament bħala sostitut għall-materja prima u safejn tiċħad tmiem tal-istatus ta' skart sakemm id-detentur jissodisfa ċerti rekwiżiti formali li ma għandhom ebda rilevanza ambjentali bħaż-żamma tar-rekords u l-obbligi ta' dokumentazzjoni.

Madankollu, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98 ma għandux jiġi applikat f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali, sa fejn l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jfissru li din il-ħamrija skavata tal-aqwa kwalità mhux ikkontaminata, fornuta sabiex tiġi ssodisfżatta talba minn bdiewa lokali relatata mal-adattament u l-iżvilupp tal-art, wara li din il-ħamrija tkun ġiet magħżula u tkun għaddiet minn kontroll ta' kwalità, tikkostitwixxi mhux skart, iżda prodott sekondarju, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a) sa (d) tad-Direttiva 2008/98 huma ssodisfatti. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq din l-evalwazzjoni.